MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 11/2014

Mobisle Communications Limited

Vs

Wade Hopewell

Seduta tal-lum 08 ta' Ottubru 2014

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba li bih il-kumpanija attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' erba' mija u tlieta u erbghin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€ 443.77) liema ammont huwa kwantu ghal €394.87 import ta' hlas ta' telefonija cellulari u €48.90 spejjes ta' ittra ufficcjali. Dan bl-ispejjez kollha ) u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

It-Tribunal ra r-riferta pozittiva tal-konvenut, notifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni

Ra li l-konvenut naqas minn li jirrispondi ghal kawza fiz-zmien lit rid il-ligi, kif ukoll minn li jidher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba.

Sema' ix-xhieda ta' Emanuel Cini moghtija fis-seduta tal-lum tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2014) .

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra.

Illi, l-konvenut la deher biex jikkontesta t-talba quddiem it-Tribunal u lanqas ma' prezenta risposta.

It-Tribunal sema' bil-gurament lil Emanuel Cini, impjegat fil-Credit Control Section tal-kumpanija attrici liema xhud ikkonferma illi d-debitu favur il-kumpanija tieghu ghadu dovut fl-intier tieghu. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll illi dawn jikkorraboraw dak li xehed l-istess Emanuel Cini.

Fil-kumpless tac-cirkostanzi u l-provi kollha u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni da parti tal-konvenuta, it-Tribunal jidirlu illi t-talba tal-kumpanija attrici hija wahda gusta u timmerita li tigi akkolta.

B'dan illi l-ispejjes ta' l-ittra ufficcjali ma kellhomx jigu nkluzi bhala parti mis-sorte u ghalhekk ser jintnaqqsu miss-orte u jipoggew il-kap ta' l-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet tal-kumpanija attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas lilha is-somma ta' tlett mija u erbgha u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€ 394.87). Bl-imghax mil-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 3618/2010 jkunu a' karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------